IX-XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru 2 (Tnejn) tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 11 t'April, 2013 fit-3.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Attard Neil |
| Kunsilliera | Borg Mary Doris |
| | Buttigieg Antonia |
| | Azzopardi Joseph |
| | |
| **L-Uffiċjal:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti. Is-Sindku ppresedja l-laqgħa.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-Minuti ta' qabel

    2.1 Il-Minuti nqraw u ġew approvati unanimament.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Approvazzjoni ta' l-infieq t'April sad-data tal-laqgħa

    3.1 Il-pagamenti ġew approvati unanimament. Is-Sindku spejġa s-Schedule of Payments kif tkun imqassma.

    3.2 Pagament ta' Schembri Barbros – Is-Sindku qal li ser nagħtu pagament lil Schembri Barbros tal-compeltion works tal-bandli. Imbagħad dawn jiġu claimed mill-Fondi tal-kuntratt tal-UIF.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

    4.1 Is-Sindku qara lista ta' xogħol li fuq nett hemm l-Sports Complex. Is-Sur Valvo qal li hemm extras mal-pagamenti. Diffiċli biex twaħħal f' ta' min kien it-tort. L-istadju li fadal huma l-finishings u dawn mhux kollha huma parti mill-kuntratt li għandna ma' Schembri Barbros. Is-Sindku qal li għamilna diversi applikazzjonijiet biex nippruvaw inġibu fondi minn skemi u anke fondi tal-Ewropa, pero' dawn ma

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

kienux ta' suċċess. Is-Sindku spjega l-ammonti kollha li applikajna għalihom u kif dawn ma ġewx aċċettati.

Is-Sindku semma wkoll li l-eks Ministru Austin Gatt kien talab lis-Sindku biex iwaqqaf appell fuq applikazzjoni tal-Ewropa u talli jsir hekk huwa jkun jista' jgħina fuq xogħol infrastruttutali madwar ix-Xgħajra. Is-Sur Valvo qal li l-Onor. Gatt kien żamm kelmtu u saru diversi xogħlijiet fuq toroq u anke madwar il-proġett b'valur ta' €143,000.

4.2 Is-Sindku qal li kellu ftehim ukoll mas-Sur Chris Ciantar fuq is-security fence sabiex ikunu jistgħu jgħinuna fix-xiri u l-installazzjoni tagħha imma din kienet waqfet għax il-workshop tal-gvern kellu wisq xogħol.

4.3 Is-Sur Joe Azzopardi ssuġġerixxa li fil-bandli jsir mobile toilet immedjat kif ukoll li r-rixtellu jsirlu firroll sabiex ikun jista' jinżamm magħluq u ma jkunx ta' periklu għat-tfal li joħorġu fit-triq. Apparti hekk qal ukoll li l-ispringer taż-żwiemel mhux qiegħda stabbli u tajjeb li nirranġawha jew tinbidel.

4.4 Is-Sindku qal li tkellem mal-Public Works sabiex naraw kemm huwa possibbli li l-latrina ssir mill-ġdid għaliex tinsab fi stat degradanti ħafna.

4.5 Kwotazzjoni ta' CCTV Cameras – Is-Segretarju ppreżenta l-kwotazzjonijiet li nġabru. Is-Sindku qal li din hi xi ħaġa urġenti u hemm bżonn li CCTV jiġu nstallati kemm jista' jkun malajr.

4.6 Bus Shelters – Is-Sindku qal li x-Xgħajra huwa wieħed mill-aktar lokalitajiet li għandhom Bus Shelters pero' differenti minn lokalitajiet oħra minħabba l-ftuh u l-baħar li meta jkun riħ kontra tkun ferm kiefra li toqgħod mingħajr saqaf fuq rasek. Is-Sindku qal li hemm bżonn ieħor max-xatt fejn il-Milord qabel mal-karozza titla' Triq Carmelo Penza. L-iktar problema hija mhux li tagħmel shelter imma fejn tagħmlu, minħabba li jkun hemm nies li ser jilmentaw li ma jkunux iriduh quddiemhom minħabba l-istrobju jew li jitilfu l-veduta. Ġie deċiż li nagħmlu applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex jagħtuna parir ta' fejn din tista' tiġi mibnija kif ukol x'tip minħabba l-elementi tat-temp.

4.7 Promenade – Is-Sindku qal li ftit ġranet ilu ltqajna mad-Direttur tal-Public Works fejntkellimna fuq ir-railing u d-dawl tal-promenade. Ġie miftiehem li parti mill-ħadid ser jinqala’ biex jittieħed għall-iggalvanizzar u l-kumplament ser jinżebah minn nies tal-Public Works kif ukoll minn tnejn minn nies ta’ l-IPSL li għandu l-Kunsill. Mhux ċar minn ser iħallas għaż-żebgħa u s-Sindku ser jara mal-Ministeru kif nistgħu niġu f’xi ftehim. Kulħadd qabel ma’ dan.

4.8 Qtugħ ta’ ħaxix madwar ix-Xgħajra – Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ser jibda f’qasir żmien mill-ħaddiema tal-IPSL assenjati lill-Kunsill. Apparti hekk areas bħal fejn il-Grawnd tal-futbol u Triq Karmelo Ritchie u Fort Park ser isiru minn kuntrattur.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda – Attivitajiet

5.1 Is-Sindku semma li l-preparazzjonijiet għal Jum Lapsi, li ilhom jiġu ppjanati minn Ottubru tas-sena l-oħra bejn il-Kunsill u l-Kumitat Festi Esterni tal-Paroċċa, issa ġew kwazi ffinalizati u għandu joħroġ il-programm ta’ dan l-avviniment li huwa parti sponsorjat minn fondi tal-Malta Tourism Authority u mis-Segretarjat tal-Gvern Lokali.

5.2 Jum ix-Xgħajra li hi marbuta ma’ Lapsi ser tiġi l-Ħadd 12 ta’ Mejju li din is-sena inzertat ukoll Mothers’ Day. Bħas-soltu f’Jum ix-Xgħajra jkollna maratona ta’ mixi u ġiri madwar ix-Xgħajra organizzata bejn il-Kunsill u s-Sur Charles Darmanin fejn il-flus miġbura jingħataw lill-Fondazzjoni Puttinu Cares. Fis-6pm ikun hemm quddiesa ta’ radd il-ħajr u wara jittella riċeviment li hu jkun miftuh għar-residenti.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

6.1 Is-Sindku qara ittra li ntbagħtet lilu mingħand is-Sinj Doris Borg li s-suġġett tagħha huwa l-illitteriżmu u għajnuna lill minn għandu bżonn. Is-Sindku staqsa lis-Sinjura Doris Borg jekk din hijiex mozzjoni formali għax jekk hi hekk għandha ċertu regoli u procċeduri marbuta magħha li jinkludi li tiġi s-sekondata u wara trid issir votazzjoni fuqha. Is-Sinjura Borg irrispondiet li iva hi Mozzjoni. Is-Sindku spjega li minħabba li hemm ċertu regoli marbuta ma’ Mozzjoni se jissospendi r-regolamenti sabiex din tkun tista’ tiġi ndirizzata. Is-Sindku talab sekondant għal din il-mozzjoni u ssekonda s-Sur Neil Attard (Viċi Sindku).

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni għal diskussjoni fejn is-Sinjura Borg spjegat x' inhuwa l-għan tagħha fejn is-Sindku rrisponda li meta nitkellmu fuq illitteriżmu marbut ma' tagħlim ġewwa l-iskola tax-Xgħajra din tiehu dehra kompletament involuta fejn hemm id-dirigenti tal-iskola u l-għalliema nvoluti kif ukoll il-Kunsill Skolastiku tal-iskola u fl-opinjoni tiegħu dan mhux każ li kemm taqbad u tidħol fuq suġġett li jista' jqajjem kontroversji serji bejn għalliema, ġeneturi u l-Kunsill tax-Xgħajra. Ms Borg spjegat li hi għandha ħafna esperjenza f'tagħlim għax hi eks teacher b'ħafna esperjenza u hi tista' tagħmel dan it-taghlim mingħajr ħlas. Is -Sindku spjega li din mhux ħaġa li persuna tgħid li tagħmel dan l-intervent għax waqt li Ms Borg jista' jkollha dik l-esperjenza li hi qiegħda tiddikjara, hi wkoll Kunsilliera u mhux ser tkun involuta biss bħala eks Għalliema imma hi ser titqies li tkun qiegħda taggixxi f'isem il-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li filwaqt li hemm ċertu relazzjoni bejn il-Kunsill u l-Iskola dan kollu għandu jkun skond il-ftehim li jeżisti ta' koperazzjoni ta' bejnietna flimkien mal-Kunsill Skolastiku. Fl-istess ħin is-Sur Valvo qal li bħalissa l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni qiegħed jiġi nfassal programm ta' ħidma fuq dan is-suġġett fuq skala Nazzjonali u bi ħsiebu jindaga iżjed x'inhuma dawn il-pjani.

Is-Sindku filwaqt li qabel li kull fejn hemm bżonn għajnuna l-Kunsill huwa nteressat hekk kif dejjem għamel fil-passat, qal li ta' min naraw x'inhuma l-problemi fl-iskola tagħna fuq dan is-suggett u bi hħsiebu jindaga iżjed fuqha.

Ms Borg qalet li mhux kulħadd huwa llitterat, imma hemm uħud li huma llitterati. Qalet ukoll li qed tirreferi għal Malta inġenerali u mhux ghax-Xgħajra biss. Is-Sindku qal li huwa obbligat jieħu l-ittra lill-Headmaster tal-iskola pero` Doris reġgħet sostniet li hi qalitha għal Malta kollha.

Is-Sur Valvo qal li filwaqt li fejn hemm bżonn ta' għajnuna l-Kunsill lest li jidħol għalija imma ma nistgħux nallarmaw lil xi gġeneturi u għalliema u għandha tkun b'koperazzjoni sħiħa ma' kullħadd. Ms Borg kompliet li hija mhux qed tirreferi għax-Xgħajra biss peress li hija ħadmet dejjem fuq l-illitterizmu ma' Malta kollha. Is-Sur Valvo qal li fuq din il-ħaġa ma nistgħux naqbżu l-Kunsill Skolastiku tal-ġenituri u għalliema.
Is-Sur Attard qal li hawn illitteriżmu għax huwa jaf lil xi wħud bl-istess problema.

Is-Sindku qal li rridu nkellmu lill-Head u l-Assistant Head kif ukoll 'il-Kunsill

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Skolastiku għaliex jista' jkun li dawn huma konxji ta' dan u forsi tkun ġejja minħabba problemi familjari u jista' jkun li diġa għandhom programm t'azzjoni fuq dan is-suġġett u kif diġa ntqal li hemm pjan Nazzjonali li qiegħed jiġi ffurmat.

Is-Sinjura Borg qalet li fuq dan nistgħu ngħinuhom wara l-ħin tal-iskola u mingħajr ħlas.

Is-Sur Valvo qal li f'isem il-Kunsill ma tistax tidħol għal din mingħajr il-permess tas-Surmast u l-għalliema għaliex tkun qed toskurhom. Is-Sinjura Borg kompliet u qalet li hi qed tgħid li dan jista' jsir bill-kollaborazzjoni mal-iskola u li toffri l-għajnuna tagħha b'mod volontarju. U iżjed minn hekk kull għajnuna u involviment tal-Kunsill għandu jkun kollettiv u mhux individwali.

Il-Kunsilliera Azzopardi u Buttiġieġ ilmentaw li ma jridux li ħaġa bħal din tibgħat xi messaġġ lill-iskola tax-Xgħajra li forsi mhux qiegħda tagħmel xogħolha sewwa għax malajr ser issib xi ġenituri li jmorru għas-sodisfazzjon u l-fatt li Ms Borg qiegħda tghid li hi għanda l-ħila u esperjenza kbira f'dan il-qasam jista' jkun li din tiġi nterpretata li l-Kunsill qiegħed iqajjem din għax hemm xi haġa ħażina fl-iskola tax-Xgħajra u mhux għax dan is-suġġett t' illitterizmu huwa nazzjonali.

Is-Sindku spjega li minħabba li Ms Borg insistiet li din tkun Mozzjoni suppost li wara d-diskussjoni ssir votazzjoni fuqa, imma minħabba li għad hemm xi kjarifika li għad trid tiġi ċċarata, allura ser jissospendi li jittieħed dan il-vot sakemm isiru dawk l-indagini neċessarji.

Għalhekk fuq din il-mozzjoni ġie deċiż li jsiru laqgħat mal-persuni u entitajiet konċernati.

Is-Sindku kompla jgħid li hu qed jisma' l-affarijiet u min hu lura fl-iskola naraw kif nistgħu ngħinuh u naraw il-proċedura għaliex jista' jkun hemm tfal li għandhom bżonn.

Is-Sur Valvo qal illi l-Kunsill iħeġġeġ iżjed xogħol mal-iskola u ħafna drabi diġa' l-Kunsill kien ta' għajnuna f'attivitajiet tal-Iskola kemm f'privat b'xejn u anke fi Skola Sajf.

6.2 Sotto Kumitati– Is-Sindku qal li tajjeb li naqblu li jiġu ffurmati Sotto Kumitati Fuq:

IX-XGĦAJRA

- Kultura, Edukazzjoni u Soċjali.
- Sports u Żagħżagħ
- Anzjani

U filwaqt li diġa' sar kuntatt ma' xi residenti li jistgħu u jixtiequ jieħdu parti fl-istess ħin is-sotto Kumitat ta' Kultura, Edukazzjoni u Socjali jkun jista' jibda jorganizza attivitajiet li jinkludu din ta' għajnuna fejn jidħol l-illiterrizmu. Ms Borg staqsiet jekk tistax tirrakomanda xi nies li diġa avvinċinawha u s-Sindku rrisponda li kull Kunsillier jista' jinnomina residenti li lesti jgħinu. Kif huwa diġa' għandu xi għalliema u nies oħra li jixtiequ jipparteċipaw f'dawn is-sotto kumitati u b'hekk ma jkunux individwi li jkunu qiegħdin jinvolvu ruħhom imma sotto kumitati magħmul minn teams ta' nies f'isem il-Kunsill.

6.3 Kien hemm qbil li l-Aġenda tal-Laqgħat tal-Kunsill tibda titwaħħal fuq in-notice Board. Ġie deċiż li jsir dak kollu neċessarju sabiex in-notice boards jiġu irrangati.

6.4 Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill jibda joħroġ Newsletter kull 3 xhur sabiex ir-residenti jkun jistgħu isegwu dak kollu ta' interess li jkun qiegħed isir fix-Xgħajra.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda - Aġġornament

7.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2013 fil -5.30pm.

, .

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGHAJRA

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt